## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

**Imhallef : Onor. Dr. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tas-16 ta' Jannar 2001**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 869/00 mahrug mill-Onor Imhallef Gino Camilleri fil-2000 u kkonfermat fl-14 ta' Lulju 2000 fl-ismijiet:**

**Philomena Ellul**

**vs**

**Carmelo sive Charles Ellul, fil-kummerc, bin Lawrence, Identity Card No. 38849M**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Philomena Ellul, ghall-hrug ta' ordni ta' proceduri ghad-disprezz tal-Qorti, fejn gie premess :

Illi fl-14 ta' Lulju 2000 din il-Qorti ikkonfermat il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni premess;

Illi b'dan il-Mandat, l-intimat gie inibit milli inter alia, jidhol u jokkupa l-fond, villa bla isem u bla numru, f'High Ridge, Madliena;

Illi fid-digriet taghha, din il-Qorti irriteniet li:- *Mhux opportun f'dan l-istadju li xi parti tidhol tabita fil-fond in kwistjoni ad eskluzjoni tal-parti l-ohra peress li jidher li l-partijiet ghandhom egwalment l-istess drittijiet ghar-rigward tal-villa in kwistjon;*.

Illi sussegwentement l-intimat rega' ipprezenta rikors ghar-revoka ta' l-istess Mandat li gie michud minn din il-Qorti diversament presjeduta, cioe' mill-Onor Imhallef Geoffrey Valenzia;

Illi f'dawn l-ahhar gimghat, jirrizulta li l-intimat dahal jabita fil-villa in kwistjoni kontra l-ordni espressa tal-mandat de quo;

Illi dan jikkostitwixxi att ta' disprezz kontinwu ghall-awtorita' tal-Qorti;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti joghgobha tiehu l-passi kollha mehtiega sabiex l-ordnijiet mahrugin kontra l-intimat bil-Mandat premess u fid-Digriet ta' l-14 ta' Lulju 2000 jigi rispettati fis-shih u inkluz li:

a) tordna lir-Registratur tal-Qrati biex jiehu l-passi kollha mehtiega ghal dan l-iskop a tenur ta' l-artikolu 1003A tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u tal-Procedura Civili;

b) tordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju lilu moghti jizgombra l-fond f'High Ridge il-Madliena li llum semmieh Sweethaven mertu tal-mandat u digriet premessi;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Carmelo sive Charles Ellul fejn gie sottomess :

Illi l-esponenti dahal jabita fil-fond proprjeta' tal-kumpanija C.E.F. (Trading) Company Limited, u mhux ukoll tal-kontendenti personalment, stante li hu u z-zewg uliedu gew kongedati mill-fond li kien lokat lilhom fil-21 ta' Ottubru 1999;

Illi l-fatt li l-esponenti dahal flimkien maz-zewg uliedu jabita fil-fond lanqas ma jmur kontra d-dettami tad-digriet tal-Qorti ta' l-14 ta' Lulju 2000 in raguni ghall-fatt illi l-esponenti ma giex strettament prekluz milli jaghmel dan izda biss li jezercita xi jedd esklussiv fuq l-istess fond. Id-dritt egwali espress fid-digriet jista' jigi ezercitat dejjem;

Illi fuq kollox l-esponenti ma ezercita l-ebda dritt b'arbitriju jew sfidati kontra d-dettam tad-digriet li jistghu ghalhekk jirrenduh hati ta' disprezz, izda ghax indott mic-cirkostanzi u biex hu u l-unici wlied komuni jkollhom saqaf fuq rashom;

In konsegwenza ghalhekk l-esponenti umilment jissottometti illi ghar-ragunijiet premessi ma ghandux jigi ordnat it-tehid ta' azzjoni kif pretiz mir-rikorrenti martu;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors;

Rat l-atti tal-mandat ta' inbizzjoni numru 522/00 fl-ismijiet "Philomena Ellul vs Carmelo sive Charles Ellul" akkordat b'mod definittiv fl-14 ta' Lulju 2000;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li b'digiret ta din il-qorti tal-14 ta' Lulju 2000 l-intimat gie inibit, fost affarijiet ohra, milli jidhol jew jokkupa villa, jew parti mill-istess villa, liema villa tinsab fi triq gdida bla isem li tghati ghall Triq Burgi, go High Ridge limiti tal-Madliena u liema villa issa jidher li nghatat l-isem ta' "Sweethaven";

Ir-rikorrenti fil-presenti rikors allegat li l-intimat zewgha, wara li hrug tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, dahal jabita fil-villa in kwistjoni. Fir-risposta tieghu l-intimat ammetta li huwa dahal jabita fil-fond in kwestjoni. Huwa jghid li ghamel hekk peress li gie kongedat mill-fond fejn kien qed jabita u liema fond kien mikri lilu. Ghalhekk hemm l-ammissjoni tal-istess intimat li huwa dahal jabita fil-fond in kwestjoni wara li nghatat l-imsemmija ordni tal-qorti. Dan imur kontra l-ordni tal-qorti kif kontenuta fl-imsemmi digriet tal-14 ta' Lulju 2000;

Il-qorti ghandha tassikura li l-ordinijiet taghha jigu rispettati. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti u dana anke a bazi tal-provdimenti tal-artikoli 873, 875 u l-artikolu 858 tal-Kapitolu 12. B'hekk ghandu jigi ordnat lir-Registratur ta' din il-Qorti li jipprocedi minnufih kontra l-intimat ghad-disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti a tenur ta' l-artikolu 1003A tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u tal-Procedura Civili. Inoltre ghandu jigi ordnat lill-intimat li immedjatament jizgombra mill-villa in kwestjoni;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tar-rikorrenti u b'hekk (a) tordna lir-Registratur tal-Qrati biex minnufih jipprocedi kontra l-intimat ghad-disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti a tenur ta' l-artikolu 1003A tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u tal-Procedura Civili u (b) tordna lill-intimat sabiex fi zmien erba u ghoxrin (24) siegha huwa jizgombra mill-fond in kwestjoni li illum ghandu l-isem ta' "Sweethaven" u li jinsab f'High Ridge fil-limiti tal-Madliena. Jigi precizat li dan il-provedimenti qed jinghata illum 16 ta' Jannar 2001 fil-

Spejjez kollha kontra l-intimat.

Tordna l-komunika tal-presenti lir-Registratur tal-Qorti.